DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172216** **29.09.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Seduta straordinarja tal-Parlament tan-Nanniet 2017***

L-Ispeaker Anġlu Farrugia ppresjeda seduta straordinarja tal-Parlament tan-Nanniet. Fid-diskors tal-okkażjoni l-Ispeaker sellem ix-xogħol siewi li l-Fondazzjoni Nanniet Malta tagħmel fl-interess tan-nanniet Maltin u Għawdxin. Kien proprju fuq inizjattiva tal-Fondazzjoni Nanniet Malta li t-tieni Ħadd ta' Ottubru hu rikonoxxut 'Jum in-Nanniet' f'Malta. Hu awgura li dan il-jum ikun rikonoxxut ukoll bħala 'Jum in-Nanniet' fl-Ewropa fil-futur.

Ir-raba' seduta straordinarja tal-Parlament tan-Nanniet enfasizzat fuq ix-xogħol siewi li sar fis-seduti ta' qabel u dwar kif il-qagħda tan-nanniet tista' tkompli titjieb għall-benefiċċju tas-soċjetà. L-Ispeaker tkellem dwar il-ferħ li ġġib magħha tarbija fil-familja u li r-rabta naturali bejn il-ġenituri u l-ulied issir aktar speċjali u intima meta l-ulied isiru ġenituri. Bit-twelid ta' tarbija tiġġedded il-ħajja umana u l-familja.

L-Ispeaker tenna l-appoġġ tal-Parlament ta' Malta għall-inizjattivi tal-Fondazzjoni Nanniet Malta u sellem lin-nanniet kollha għall-ħidma tal-imgħoddi fit-trobbija ta' uliedhom u dik tal-lum meta qed jikkollaboraw ma' uliedhom fl-għajnuna, kif u fejn jistgħu, fit-trobbija ta' ulied uliedhom. "Fl-armonija u b'imħabba sinċiera nistgħu nagħtu u nibnu ġejjieni aħjar lil uliedna u meta nagħmlu dan inkunu qed nilħqu l-qofol ta' ħajjitna bħala ġenituri u nanniet", ikkonkluda l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt